# ID-DAWL

SETTEMBRU 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 33

"O Sidi, kabbarni fl-għarfien."



Lura lejn l-Iskola | L-Edukazzjoni u l-Iżlam | L-Indafa u l-Iżlam | It-tliet stadji tal-Għarfien

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# LURA LEJN L-ISKOLA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Minħabba l-pandemija tal-covid-19, din is-sena l-istudenti kellhom jieqfu milli jattendu l-iskola minn nofs Marzu. Fil-ġimgħat li ġejjin, it-tfal se jirritornaw lura lejn l-iskola u għandhom entużjażmu kbir biex jerġgħu jiltaqgħu ma' sħabhom u mal-għalliema tagħhom wara din il-waqfa tant twila. Madanakollu, din il-waqfa ġabet magħha sfidi ġodda għal kulħadd. It-tfal kellhom xorta jħabirku ħafna għax ix-xogħol tal-iskola baqa' għaddej, kellhom jistudjaw ukoll, **għaliex l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess, il-prosperità u ġejjieni sabiħ u kompetittiv.**

Bi ftit pjanar mit-tfal u mill-ġenituri tagħhom, il-ftuħ mill-ġdid tal-iskejjel għandu jsir b'mod kalm u effiċjenti. L-importanti li jkun hemm rutina u wieħed iżomm magħha. Il-ġenituri jridu jassiguraw li t-tfal ikollhom kollox lest għall-iskola, bħall-uniformijiet jew tracksuits, żraben, kalzetti, kontenituri għall-ikel u l-basktijiet tal-iskola. Fl-aħħar nett, importanti li wieħed imur jorqod kmieni ħalli dejjem ikun frisk għall-iskola.

**ID-DAWL**

Settembru 2020 – Numru 33 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| Back to School | 02 |
| Education and Islam | 03 |
| Cleanliness and Islam | 04 |
| Three Stages of Knowledge | 06 |
| Who is blind? | 08 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Smolaw | Shutterstock

# L-IŻLAM JIPPROMWOVI L-EDUKAZZJONI?

Allegazzjoni li ssir minn ċerti kritiċi kontra l-Iżlam hija li din hi reliġjon li baqgħet lura u hi arkajka, u li ma tippromovix l-iżvilupp intellettwali. Din hi idea sterjotipata żbaljata bbażata fuq il-fizzjoni milli fuq il-fatti. Hija allegazzjoni infondata. Il-Koran Imqaddes stess enfasizza l-importanza tal-edukazzjoni billi għallem it-talba:

**"O Sidi, kabbarni fl-għarfien."**

Barra li din it-talba hi sors ta' għajnuna kbira lill-Musulmani, hi tispirahom aktar lejn it-tagħlim u l-iżvilupp tal-kawża tal-għarfien uman.

Il-verità hi li l-Koran Imqaddes u t-tagħlim tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu) ispiraw ix-xogħlijiet ta' ġenerazzjonijiet ta' intellettwali, filosfi u inventuri Musulmani speċjalment fil-Medju Evu. Tabilħaqq, jekk inħarsu lura aktar minn millennju, naraw kif xjentisti u inventuri Musulmani kienu fundamentali fl-avvanz tat-tagħlim u fl-iżvilupp tat-teknoloġiji, li biddlu d-dinja u għadhom jintużaw sal-lum.

Pereżempju, l-ewwel kamera ġiet żviluppata minn Ibn Haytham u x-xogħol rivoluzzjonarju tiegħu ġie rikonoxxut mill-UNESCO, meta ġie dikjarat bħala **'pijunier tal-ottika moderna'**. Ta' min jinnota wkoll li l-kelma 'kamera' hija mnissla mill-kelma Għarbija 'qamara'.

Fis-seklu 12, kartografu Musulman ħoloq dik li hi meqjusa bħala l-aktar mappa elaborata u preċiża taż-żminijiet medjevali, li baqgħet tintuża għal sekli sħaħ mill-vjaġġaturi.(i)

(i) Meħuda mill-indirizz ewlieni tal-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirza Masroor Aħmad(aba), fil-kwartieri tal-UNESCO f'Pariġi, Franza, fit-8 ta' Ottubru 2019.

# L-INDAFA U L-IŻLAM

Jekk hemm xi ħaġa li n-nies tgħallmu matul dawn l-aħħar xhur, din kienet il-mod proprju ta' kif wieħed jaħsel idejh u prattiki iġjeniċi oħra – karatteristika unika fl-Iżlam. Il-Koran Imqaddes jgħallem, **"Tabilħaqq, Alla jħobb lil dawk li jduru Lejh [bi ndiema] u jħobb lil dawk li jżommu lilhom infushom indaf u safja."** (2:223)

**"L-indafa hija parti mill-fidi"** hija frażi popolari ħafna tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u hi xi ħaġa li t-tfal Musulmani kollha jitgħallmu mindu jkunu ċkejknin. It-tfal Musulmani huma mgħallma li hija parti mid-dmirijiet reliġjużi tagħhom li jiffokaw fuq l-iġjene u l-indafa personali.

Forsi, l-aktar parti importanti tas-safa hija l-iġjene ta' ġisimna. Qabel kull waħda mill-ħames talbiet ta' kuljum, Musulman irid iwettaq ir-rit li jinħasel minn rasu sa saqajh bl-ilma nadif. Dan jassigura li dawk il-partijiet mill-ġisem li jkunu tħammġu matul il-ġurnata jitnaddfu u jibqgħu safja tul il-jum.

Biex jenfasizza l-importanza ta' dan ir-rit, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: **"Iċ-ċavetta għall-Ġenna huwa t-talb, u ċ-ċavetta għat-talb hija l-indafa."**

L-Iżlam ħoloq ukoll etikett ċar għat-tojlit għall-Musulmani. F'ħafna pajjiżi x-xawer Musulman huwa użat ħafna fil-kmamar tal-banju u t-tojlits biex jassigura li l-partijiet privati jkunu ndaf permezz tal-ilma. Filwaqt li l-użanza fil-parti l-kbira tal-Punent hija l-użu tal-karti iġjeniċi, il-Musulmani huma mħeġġa li jużaw l-ilma, li llum huwa ppruvat xjentifikament li huwa metodu aktar iġjeniku ta' ndafa.

Ibn Abbas jirrakkonta, **"Darba l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għadda minn ħdejn żewġ oqbra u qal: 'Min qed jokkupa dawn l-oqbra qed jiġi kastigat, imma mhux għall-akbar dnubiet tagħhom. Wieħed minnhom ma setax jevita li jkun kontaminat mill-urina.'"**




Barra minn hekk, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien jgħid ukoll lill-Musulmani biex jaħslu snienhom regolarment. Huwa qal, **"Kieku mhux għax kien ikun diffiċli għas-segwaċi tiegħi, kieku kont nordnalhom biex jaħslu snienhom bl-ixkupilja ma' kull talba"** u f'diskors ieħor huwa qal, **"It-talba li tingħad bis-snien imnaddfa bil-*Miswak* jew xkupilja hija sebgħin darba aqwa minn dik it-talba fejn il-*Miswak* (xkupilja) ma tkunx intużat."**

Aktar minn hekk, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għallem ukoll kif jinżamm b'mod effiċjenti t-tixrid tal-mikrobi u l-mard infettiv. Huwa rrappurtat li, "kienet id-drawwa tal-Qaddis Profeta[sa] li meta jagħtas huwa jgħatti ħalqu b'idu jew b'biċċa drapp, biex irażżan il-mard." (*Tirmizi*)

Barra l-indafa tal-ġisem, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] enfasizza b'qawwa wkoll l-aspetti ambjentali tal-indafa bħall-indafa tat-toroq. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, **"it-tneħħija tal-periklu mit-toroq hija karità (li tiġi premjata minn Alla)"**, li tista' wkoll tkun ta' ostaklu kbir għal nies li huma nieqsa mid-dawl jew dawk b'diżabbiltà. Filwaqt li ħafna nies iqisu dawn l-azzjonijiet bħala ħwejjeġ morali, l-Iżlam iqishom bħala sisien indispensabbli tat-twemmin.

# IT-TLIET STADJI TAL-GĦARFIEN

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega *t-tliet stadji tal-għarfien* u jikteb:

Hemm tliet stadji ta' għarfien: għarfien bl-inferenza, ċertezza bil-vista u ċertezza sħiħa. Pereżempju, li temmen bl-eżistenza tan-nar xi mkien għax deher id-duħħan huwa għarfien bl-inferenza. Madanakollu, li tara n-nar b'għajnejk huwa għarfien bil-vista. Wara dan, hemm iċ-ċertezza sħiħa, meta tqiegħed idek fin-nar u tagħraf fiċ-ċert li n-nar jeżisti għax qed tħoss is-sħana tiegħu u s-sensazzjoni ta' ħruq.

X'ħasra meta wieħed ma jikseb l-ebda wieħed minn dawn l-istadji. Skont il-vers li jmiss, persuna li hija nieqsa mill-grazzja ta' Alla hija maqbuda fil-vizzju li ssegwi lill-oħrajn bl-amment. Alla l-Igglorifikat jistqarr:

> **"U *għal dawk* li jistinkaw fil-mogħdija Tagħna — Aħna żgur li niggwidawhom fl-użanzi Tagħna."** 29:70

Jiġifieri, persuna li tħabrek għall-kawża tagħna se tiġi murija t-triqat li jwasslu għal Għandna. Ma' din il-wegħda, aħna ġejna mgħallma t-talba:

> **"Iggwidana fit-triq it-tajba."** (1:6)

Għalhekk, il-bniedem irid iżomm din f'moħħu u jitlob b'żelu kbir meta jgħid it-Talb formali tiegħu, inkella jitlaq minn din id-dinja agħmi u nieqes mill-intuwizzjoni. Alla Omnipotenti jgħid:


Fesus Robert | Shutterstock

**"Dawk li huma għomja f'din id-dinja se jkunu għomja fil-Ħajja li jmiss."** (17:73)

Jiġifieri, min hu agħmi f'din id-dinja se jibqa' agħmi meta jmut. Dan juri li rridu nieħdu l-abbiltà tagħna li naraw minn din id-dinja stess, ħalli b'hekk inkunu nistgħu naraw il-Ħajja li jmiss.

Biex nesperjenzaw il-ħajja l-oħra, is-sensi tagħna jridu jiġu żviluppati f'din id-dinja stess. Tistgħu timmaġinaw lil Alla l-Igglorifikat jagħmel wegħda u ma jżommhiex?

## "L-INDAFA HIJA PARTI MILL-FIDI"

IL-QADDIS PROFETA MUĦAMMAD[SA]

# MIN HU AGĦMI?

**Persuna għamja hija dik li hija nieqsa mill-intuwizzjoni u s-sodisfazzjon spiritwali.**



Triff | Shutterstock

Persuna li ssegwi bl-amment it-tradizzjonijiet tal-familja tagħha għaliex sempliċement twieldet ġo dar Musulmana tibda tissejjaħ Musulmana. Bl-istess mod, persuna li titwieled ġo familja Kristjana ssir Kristjana. Din hija r-raġuni għala dawn in-nies ma jagħtux kas ta' Alla, tal-Messaġġier jew tal-Koran. Anki l-imħabba li dawn in-nies għandhom lejn ir-reliġjon issir dubjuża. Xi wħud jibqgħu fil-kumpanija ta' dawk li jinsolentaw lil Alla u l-Messaġġier Tiegħu.

**Dan kollu jseħħ minħabba l-fatt li dawn in-nies m'għandhomx għajn spiritwali. Huma nieqsa mill-imħabba għar-reliġjon.**

Persuna li hija mimlija bl-imħabba tkun tixtieq xi ħaġa li tmur kontra l-għożża tal-għeżież tagħha?

Għaldaqstant, Alla Omnipotenti jgħallem li Huwa lest li jagħti mill-premjijiet Tiegħu jekk il-persuna tkun ippreparata li tilqagħhom. L-offerta ta' din it-talba tħejji lill-persuna biex tilqa' direzzjoni divina.(ii)

(ii) *Malfużat*, vol. 1, p. 18-19

## IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**